**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-30 ta' April 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Hoge Raad der Nederlanden – il-Pajjiżi l-Baxxi) – Nutricia NV vs Staatssecretaris van Financiën**

**(Kawża C-267/13)** [1]

***(Nomenklatura Magħquda — Intestaturi tariffarji — Medikamenti fis-sens tal-intestatura 3004 — Kunċett — Preparazzjonijiet nutrittivi intiżi esklużivament li jiġu somministrati b'mod enterali, taħt sorveljanza medika, lil persuni suġġetti għal trattament mediku — Xorb fis-sens tas-subintestatura 2202 — Kunċett — Likwidi nutrittivi intiżi li jiġu somministrati b'mod enterali u mhux li jinxtorbu)***

(2014/C 194/08)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Hoge Raad der Nederlanden

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Nutricia NV

*Konvenut:* Staatssecretaris van Financiën

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari – Hoge Raad der Nederlanden – Nomenklatura Magħquda – Pożizzjonijiet tariffarji – Medikamenti fis-sens tal-intestatura 3004 – Kunċett – Preparazzjonijiet nutrittivi intiżi esklużivament li jiġu somministrati bil-forza, taħt sorveljanza medika, lil persuni, li minħabba mard, huma suġġetti għal trattament mediku – Xorb fis-sens tas-subintestatura 2202 – Kunċett – Likwidi nutrittivi intiżi li jiġu somministrati bil-forza u mhux li jinxtorbu

**Dispożittiv**

*L-intestatura tariffarja 3004 tan-Nomenklatura Magħquda, li tinsab fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Komuni ta' Dwana, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1549/2006, tas-17 ta' Ottubru 2006, għandha tiġi interpretata fis-sens li l-kunċett ta' "medikamenti" fis-sens ta' din l-intestatura tinkludi preparazzjonijiet tal-ikel intiżi esklużivament sabiex jiġu ssomministrati, taħt sorveljanza medika u b'mod enterali (permezz ta' tubu gastriku), lil persuni li lilhom tiġi pprovduta kura medika, hekk li, fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-marda jew il-kundizzjoni li dawn tal-aħħar għandhom, din is-somministrazzjoni għandha bħala għan li tipprevjeni jew li tiġġieled id-denutrizzjoni ta' dawn il-persuni.*

[1] ĠU C 207, 20.07.2013.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-30 ta' April 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Juzgado de Primera Instancia nº 4 de Palma de Mallorca – Spanja) – Barclays Bank SA vs Sara Sánchez García, Alejandro Chacón Barrera**

**(Kawża C-280/13)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Direttiva 93/13/KEE — It-tlettax-il premessa — Artikolu 1(2) — Kuntratti konklużi mal-konsumaturi — Kuntratt ta' self ipotekarju — Proċedura ta' eżekuzzjoni ipotekarja — Dispożizzjonijiet leġiżlattivi u regolamentari nazzjonali — Ekwilibriju kuntrattwali)***

(2014/C 194/09)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Juzgado de Primera Instancia nº 4 de Palma de Mallorca

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Barclays Bank S.A.